**KUNSILL LOKALI**
**IL-MUNXAR**

# Rapport Annwali Amministrattiv 2014

## WERREJ


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill | 3 |
| Varjazzjoni fid-Dħul u Nfiq | 4 |
| Dikjarazzjoni u Rikonċiljazzjoni mal-Banek | 7 |
| Rapport tal-Awditur u *Financial Statements* | 8 |
| Il-*Management Letter* | 10 |

## 1.0 Introduzzjoni tas-Sindku

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali Il-Munxar matul is-sena 2014.

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Din is-sena bħas-snin ta' qabel kienet sena impenjattiva ħafna.

Komplejna fejn ħallejna fis-snin ta' qabel – jiġifieri li ntejbu lill-Munxar u Ix-Xlendi. Ħafna xogħol ta' manutenzjoni sar billi l-Kunsill ħallas għall-materjal u l-ħaddiema kienu pprovduti mill-Ministeru għal Għawdex u l-Kumpanija IPSL.

Issa li ngħatat it-tmexxija tat-Torri tax-Xlendi lill-Kunsill flimkien ma' Din l-Art Ħelwa qed issir ħidma sabiex dan it-torri jitranġa u jinfetaħ għall-pubbliku.

Issa ser nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Ix-xogħol ta' *resurfacing* bit-tarmak tat-toroq li kellhom isiru permezz tal-*Public Private Partnership* (PPP) huwa lest. Dawn it-toroq huma Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri fix-Xlendi u Triq Ta' Rinota/Andrijiet fil-Munxar. Tlestiet ukoll l-ewwel fażi tal-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar, li kien jikkonsisti f'ħolqien ta' żona pedonali, bl-għajnuna ta' kontribuzzjonijiet ta' Eco-Gozo u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Anke l-proġett ta' *supply* u twaħħil ta' *pedestrian guardrails* u bini ta' bankini fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi huwa lest. Dan sar bl-għajnuna ta' kontribuzzjoni tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) tal-MEPA.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena l-Kunsill qed ifakkar Jum Il-Munxar billi nieħdu sehem fil-quddiesa, isiru kompetizzjonijiet, kif ukoll l-għoti tal-premju Ġieħ Il-Munxar. L-istess tfal kantaw waqt is-Serata li tkun organizzata fl-okkażjoni ta' Jum Il-Munxar. Fil-Munxar ġie organizzat ukoll Eku mill-Munxar...*dari u llum* – Ġimgħa għall-Familja filwaqt li fix-Xlendi ġie organizzat kalendarju ta' attivitajiet imqassma matul is-sajf kollu u l-attività Ix-Xlendi @ Christmas.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-*Day Centre* t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru jsiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan id-*Day Centre* qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Nittama li matul din l-aħħar sena nkunu ħdimna u tajna s-servizz tagħna sabiex nagħtu lil-lokalitajiet tagħna dak kollu li jixirqilhom fil-limitazzjonijiet finanzjarja tagħna.

**Carmen Said**
***Sindku.***

## 2.0 Il-Kunsill

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Joseph Sultana | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Ryan Debrincat | 86% |
| **Kunsilliera** | |
| Saviour Spiteri | 36% |
| Robert Mallia | 79% |
| Carmen Said | 64% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Anthony Grech | |

## 3.0 Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja 2014 kienet il-wieħed u għoxrin sena finanzjarja għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u t-tielet sena finanzjarja tas-sitt leġislatura.

Matul din is-sena l-Kunsill għamel xogħol ta' tiswijiet ta' bankini u toroq.

Il-Kunsill għamel stima li ser idaħħal €210,792 mingħand il-Gvern Ċentrali u fil-fatt daħħal €318,277.

L-infiq kien jikkonsisti f'Salarji u Pagi, Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra u Infiq Kapitali.

Is-Salarji u Pagi kienu jammontaw għal €63,602 li tinkludi paga tas-Segretarju Eżekuttiv *full time*, Assistent Uffiċjal Prinċipali *full time,* Onorarju tas-Sindku, kontribuzzjoni ta' Sigurtà Soċjali u *Allowance* tal-Kunsilliera u s-Sindku.

Il-manutenzjoni u xogħlijiet oħra kienu jammontaw għal €232,197 filwaqt li kien hemm stima li jintefqu €136,835.

Taħt il-vot ta' Infiq Kapitali l-Kunsill nefaq €449,639. Il-maġġoranza ta' dan l-ammont kien bħala *grant* minn skemi ta' fondi speċjali.

F'Diċembru 2014, il-Kunsill spiċċa bil-bilanċ ta' €22,478 u dawn ser jintefqu matul is-sena finanzjarja 2015.

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***

# 4.0 Varjazzjonijiet konsolidati ta' Dħul u Nfiq

## 4.1 Skeda ta' Varjazzjonijiet konsolidati ta' Dħul u Nfiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2014 ACTUAL (€) | 2014 BUDGET (€) | 2013 ACTUAL (€) | 2014-14 BUDGET VAR (€) | 2014-13 ACTUAL VAR (€) |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 305,877.00 | 209,292.00 | 407,330.00 | 96,585.00 | (101,453.00) |
| Bye-laws | 12,378.00 | 1,500.00 | 5,349.00 | 10,878.00 | 7,029.00 |
| Investiment | 22.00 | | 204.00 | 22.00 | (182.00) |
| TOTAL | 318,277.00 | 210,792.00 | 412,883.00 | 107,485.00 | (94,606.00) |
| **Infiq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 63,602.00 | 70,978.00 | 61,559.00 | 7,376.00 | (2,043.00) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 232,197.00 | 136,835.00 | 338,843.00 | (95,362.00) | 106,646.00 |
| Infiq Kapitali | 499,639.00 | 62,200.00 | 156,832.00 | (437,439.00) | (342,807.00) |
| TOTAL | 795,438.00 | 270,013.00 | 557,234.00 | (525,425.00) | (238,204.00) |
| **Bilanċ** | (477,161.00) | (59,221.00) | (144,351.00) | (417,940.00) | (332,810.00) |

## Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq (ikompli)

## 4.2 Skeda ddettaljata ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul

| DESKRIZZJONI | a<br>2014<br>ATTWALI<br>(€) | b<br>2014<br>STIMA<br>(€) | c<br>2013<br>ATTWALI<br>(€) | a-b<br>2014-14<br>BUDGET VAR<br>(€) | a-c<br>2014-13<br>ACTUAL VAR<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 209,291.00 | 209,292.00 | 209,620.00 | (1.00) | |
| Supplimentari | | | | | |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | 96,586.00 | | 197,710.00 | 96,586.00 | (101,124.00) |
| | **305,877.00** | **209,292.00** | **407,330.00** | **96,585.00** | **(101,124.00)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | | | |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 7,127.00 | | 4,989.00 | 7,127.00 | 2,138.00 |
| Insurance Claims | | | 223.00 | | (223.00) |
| Ġenerali | 5,251.00 | 1,500.00 | 137.00 | 3,751.00 | 5,114.00 |
| | **12,378.00** | **1,500.00** | **5,349.00** | **10,878.00** | **7,029.00** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 22.00 | | 204.00 | 22.00 | (182.00) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **22.00** | | **204.00** | **22.00** | **(182.00)** |
| **TOTAL** | 318,277.00 | 210,792.00 | 412,883.00 | 107,485.00 | (94,277.00) |

## Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq (ikompli)

# 4.3 Skeda ddettaljata ta' Varjazzjonijiet fl-Infiq

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2014 ACTUAL (€) | 2014 BUDGET (€) | 2013 ACTUAL (€) | 2014-14 BUDGET VAR (€) | 2014-13 ACTUAL VAR (€) |
| **Infiq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 6,868.00 | 6,868.00 | 6,704.00 | | (164.00) |
| Salarji u pagi tal-impjegati | 46,518.00 | 47,070.00 | 44,767.00 | 552.00 | (1,751.00) |
| Bonus | | 4,486.00 | | 4,486.00 | |
| Dħul Supplimentari | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Soċjali | 3,816.00 | 4,437.00 | 3,688.00 | 621.00 | (128.00) |
| 'Allowances' | | 1,717.00 | | 1,717.00 | |
| 'Allowance Councillors' | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | | |
| | **63,602.00** | **70,978.00** | **61,559.00** | **7,376.00** | **(2,043.00)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,eċċ. | 6,898.00 | 8,600.00 | 8,398.00 | 1,702.00 | 1,500.00 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 249.00 | 1,500.00 | 986.00 | 1,251.00 | 737.00 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni | 24,544.00 | 32,383.00 | 191,307.00 | 7,839.00 | 166,763.00 |
| Kera | 3,412.00 | 3,700.00 | 3,649.00 | 288.00 | 237.00 |
| Safar barra minn Malta | | | | | |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 6,625.00 | 3,800.00 | 3,449.00 | (2,825.00) | (3,176.00) |
| Trasport | 480.00 | 1,260.00 | 476.00 | 780.00 | (4.00) |
| Training | 830.00 | | | (830.00) | (830.00) |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 307.00 | 900.00 | 129.00 | 593.00 | (178.00) |
| Servizzi b'Kuntratt | 57,201.00 | 60,692.00 | 56,927.00 | 3,491.00 | (274.00) |
| Servizzi Professjonali | 4,943.00 | 11,500.00 | 7,077.00 | 6,557.00 | 2,134.00 |
| Depreciation | 98,380.00 | | 47,134.00 | (98,380.00) | (51,246.00) |
| Ospitalità u servizzi lill-Komunita' | 23,310.00 | 11,500.00 | 18,463.00 | (11,810.00) | (4,847.00) |
| Spejjeż Inċidentali | 3,986.00 | | | (3,986.00) | (3,986.00) |
| Wardens | 1,032.00 | 1,000.00 | 848.00 | | (184.00) |
| Xogħlijiet ta' Restawr - Mitħna | | | | | |
| | **232,197.00** | **136,835.00** | **338,843.00** | **(95,330.00)** | **106,646.00** |
| Infiq Kapitali | | | | | |
| Għodod u Tabelli | | | | | |
| Bini u Titjib | 22,682.00 | | 32,100.00 | (22,682.00) | 9,418.00 |
| Proġetti Speċjali | 473,935.00 | 60,000.00 | 121,140.00 | (413,935.00) | (352,795.00) |
| Makkinarju u Apparat | | 2,200.00 | | 2,200.00 | |
| Office furniture | 3,022.00 | | 3,592.00 | (3,022.00) | 570.00 |
| | **499,639.00** | **62,200.00** | **156,832.00** | **(437,439.00)** | **(342,807.00)** |
| **TOTAL** | 795,438.00 | 270,013.00 | 557,234.00 | (525,393.00) | (238,204.00) |